

31998R1659

L 213/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.7.1998

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1659/98
tas-17 ta' Lulju 1998
dwar il-koperazzjoni deċentralizzata

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

billi l-proċeduri amministrattivi għandhom jitwaqqfu skond dak li ntqal,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi il-Komunitajiet Ewropej, speċjalment l-Artikolu 130w li joħroġ minnu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Artikolu 1

Jaġixxi skond il-proċedura mfassla fl-Artikolu 189c tat-Trattat ⁽²⁾,

Il-Komunità għandha tappoġġa operazzjonijiet u inizzjattivi fuq żvilupp sostenibbli magħmula minn aġenti tal-koperazzjoni deċentralizzati tal-Komunità u tal-pajjiżi li għandhom qed jiżviluppaw speċjalment dawk imfassla biex jppromwov:

billi l-koperazzjoni deċentralizzata hija approċċ ġdid lejn il-koperazzjoni fl-iżvilupp li titfa' l-aġenti fil-fulkru ta' l-implimentazzjoni u b'hekk tfittex li tilħaq l-għanijiet;

— approċċ iżjed parteċipattiv lejn l-iżvilupp, li jagħti widen għal bżonnijiet u inizzjattivi tal-popolazzjonijiet tal-pajjiżi li għandhom qed jiżviluppaw,

billi l-importanza ta' approċċ deċentralizzati ġie enfasizzat fir-raba' Konvenzjoni ACP-KE, Regolament tal-Kunsill Nru 443/92 tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-assistenza finanzjarja u teknika lil, u koperazzjoni ekonomika ma', pajjiżi fl-Asja u l-Amerika Latina li qegħdin jiżviluppaw ⁽³⁾, u r-Risoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 1991 fuq il-koperazzjoni ma' l-NGOs u f'Risoluzzjonijiet varji li għamel il-Parlament Ewropew;

— kontibuzzjoni għad-diversifikazzjoni u t-tisħiħ tas-soċjeta' ċivili u d-demokrazija fil-pajjiżi konċernati,

billi l-awtorità tal-baġit iddeċidiet li tinkludi, Intestatura biex tipromwovi dan l-approċċ fil-pajjiżi kollha li għandhom qed jiżviluppaw, fil-baġit ta' 1992;

— il-mobilizzazzjoni ta' l-aġenti ta' koperazzjoni deċentralizzati fl-Unjoni u fil-pajjiżi li għandhom qed jiżviluppaw biex jintlaħqu dawn l-għanijiet fil-programmi strutturati.

billi l-ammont finanzjarju referenzali, fis-sens ta' punt 2 tad-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni tas-6 ta' Marzu 1995 fuq l-inkorporazzjoni ta' proviżjonijiet finanzjarji f'atti leġiżlattivi ⁽⁴⁾ huwa nkluż f'dan ir-Regolament għall-perijodu 1999 sa l-2001, mingħajr ma jaffetwa l-poteri ta' l-awtorità tal-baġit kif definiti mit-Tarattat;

Il-pajjiżi kollha li għandhom qed jiżviluppaw għandhom ikunu eliġibbli għall-operazzjonijiet li jppromwov koperazzjoni deċentralizzata.

Artikolu 2

billi l-koperazzjoni deċentralizzata hija ntiża biex tgħin iġġib bidla fil-proċeduri a lungo termine ta' l-Unjoni fuq koperazzjoni fl-iżvilupp;

L-oqsma tal-prijoritajiet għall-operazzjonijiet taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu;

billi l-koperazzjoni deċentralizzata tagħti kontribut importanti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-politika tal-koperazzjoni fl-iżvilupp kif imniżżla fl-Artikolu 130u tat-Trattat;

— l-iżvilupp ta' risorsi umani u tekniċi u l-iżvilupp lokali u rurali jew urban soċjali fil-pajjiżi li għandhom qed jiżviluppaw,

— l-informazzjoni, u l-mobilizzazzjoni ta' aġenti ta' koperazzjoni deċentralizzati,

— appoġġ biex jissaħħu l-kapaċitajiet istituzzjonali ta' dawn l-aġenti u l-kapaċità tagħhom biex ikunu jistgħu jaġixxu,

— back-up metodoloġiku u follow-up għall-operazzjonijiet.

Artikolu 3

Il-partners koperattivi li huma eliġibbli għal għajnuna finanzjarja taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu aġenti tal-koperazzjoni

⁽¹⁾ ĠU C 250, 26.09.95, p. 13.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew mwassla fil-15 ta' Diċembru 1995 (ĠU C 17, tat-22.1.1996, p. 460). Kunsill Common Position of 5 Novembru 1997 (ĠU C 43, tad-9.2.1998) and DEĊIŻJONI Nru tal-Parlament Ewropew ta' l-1 April 1998 (ĠU C 138, ta' l-4.5.1998).

⁽³⁾ ĠU L 52, 27.02.92, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 102, 04.04.96, p. 4.

deċentralizzati fil-Komunità jew fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, jiġifieri: awtoritajiet lokali, organizzazzjonijiet mhux governattivi, assoċjazzjonijiet lokali tal-kummerċ u gruppi ta' Ċittadini lokali, koperattivi, għaqdiet tal-kummerċ, organizzazzjonijiet ta' nisa u żgħażaġh, istituzzjonijiet ta' tagħlim u riċerka, knejjes u kull organizzazzjoni mhux governattiva li tgħin biex tkattar l-iżvilupp.

Artikolu 4

1. Il-finanzjament mingħand il-Komunità għall-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikopru perijodu ta' tliet snin (1999 sa l-2001).

L-ammont finanzjarju referenzjali għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm għall-perijodu ta' bejn l-1999 u l-2001 għandu jkun dak ta' 18 il-miljun Eku.

L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-perspettiva finanzjarja.

2. L-awtorità tal-baġit għandha tistabbilixxi l-appropriazzjonijiet disponibbli għall-kull sena finanzjarja, wara li jitqiesu l-prinċipji sodi tal-amministrazzjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament Finanzjarju li huwa applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 5

1. L-għodda li għandhom jintużaw tul il-kors ta' l-operazzjonijiet msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jinkludu studji, assistenza teknika, trejning u servizzi oħra, provvisti u xogħolijiet, flimkien ma' verifiki u evalwazzjonijiet u missjonijiet ta' moniteragg.

2. Il-finanzjament mingħand il-Komunità għandu jkopri kemm l-ispejjeż ta' l-investment (ħlief ix-xiri ta' bini) u, billi l-proġett għandu jekk jista' jkun jilħaq vijabbiltà fi żminijiet medji, l-ispejjes rikorrenti (inklużi dawk ta' amministrazzjoni, manutenzjoni u spejjeż operattivi).

3. Xi tip ta' kontribuzzjoni mill-partners definiti fl-Artikolu 3 għandha tintalab għall-kull operazzjoni koperattiva. Il-kontribuzzjoni li tintalab għandha tqies il-mezzi tal-pajjiż konċernat u n-natura ta' l-operazzjoni konċernata.

4. Jistgħu jinfittxu opportunitajiet biex il-proġetti jiġu finanzjati ma' provduri oħra ta' finanza, speċjalment Stati Membri oħra.

5. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' koerenza u komplimentarjetà stabbiliti fit-Trattat bl-għan li tintlaħaq effiċenza ottimali f'dawn

l-operazzjonijiet, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri ta' kordinazzjoni neċessarji kollha, inklużi:

- (a) li tiġi stabbilita sistema għal skambju sistematiku u analiżi ta' informazzjoni fuq operazzjonijiet, li huma finanzjati jew li huma previsti li jkunu finanzjati mill-Komunità u l-Istati Membri;
- (b) kordinazzjoni immedjata ta' dawn l-operazzjonijiet permezz ta' laqgħat regolari u skambju ta' informazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-pajjiż benefiċjarju.

Artikolu 6

Taħt dan ir-Regolament l-appoġġ finanzjarju għandu jkun fil-forma ta' għotjiet.

Artikolu 7

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta, tiddeċiedi u tamministra l-operazzjonijiet li jaqgħu taħt dan ir-Regolament skond il-baġit u proċeduri oħra li jkunu fis-seħħ, speċjalment dawk stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

2. Deċiżjonijiet fuq għotjiet ta' 'l fuq minn miljun Eku għall-operazzjonijiet finanzjarji individwali/singoli taħt dan ir-Regolament u kull emenda li tinvolvi żieda ta' 'l fuq minn 20 % fl-ammont li ġie approvat inizzjalment għall-operazzjoni speċifika għandhom jittieħdu skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 8.

3. Il-valutazzjoni ta' proġetti u programmi għadha tqies dawn il-fatturi li ġejjin:

- L-effettività u vijabbiltà ta' l-operazzjonijiet,
- l-aspetti kulturali u soċjali, aspetti relatati ma', opportunitajiet ugwali għall-irġiel u għan-nisa, u l-ambjent,
- l-iżvilupp istituzzjonali neċessarju biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' l-operazzjonijiet,
- l-esperjenza miksuba minn operazzjonijiet ta' l-istess tip.

4. Kull ftehim finanzjarju jew kuntratti konklużi taħt dan ir-Regolament għandhom jippermettu l-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri jagħmlu kontrolli immedjati skond il-proċeduri stabbiliti mill-Kummissjoni taħt ir-regoli li jkunu fis-seħħ, speċjalment dawk fir-Raegolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej.

5. Parteċipazzjoni fis-sejħa għal offerti għal xogħol bl-appalt u l-għotja ta' kuntratti għandha tkun miftuħa fuq termini ta' ugwaljanza għall-kull persuna naturali u legali ta' l-Istati Membri u tal-pajjiż benefiċjarju. Tista' tkun estiża għal pajjiżi oħra li għadhom qed jiżviluppaw u, f'każi eċċezzjonali li huma kompletament ġustifikati, għal pajjiżi terzi.

6. Il-provvisti għandhom jiġu mill-Istati Membri, il-pajjiż benefiċjarju jew pajjiżi oħra li għadhom qed jiżviluppaw. U f'każi eċċezzjonali u ġġustifikati l-provvisti jistgħu jiġu mingħand pajjiżi terzi.

Artikolu 8

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat kompetenti għall-iżvilupp, li jkun determinat ġeografikament.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li jridu jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz flimitu ta' żmien li l-President jista' jiddeċiedi skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza msemmiha fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun jeħtieġli jadotta fuq proposta tal-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom ikunu mwieżna fil-manjiera stabbilita f'dak l-Artikolu. Il-President ma għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta dawn il-miżuri previsti li għandhom jgħoddu minnufih.

(b) Iżda, jekk dawn il-miżuri ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, għandhom minnufih jiġu komunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill. F'dak il-każ:

— il-Kummissjoni għandha tiddeferixxi l-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri li tkun iddeċidiet fuqhom għall-perijodu ta' xahar mill-komunikazzjoni msemmiha hawn fuq;

— il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi altrimenti sal-limitu ta' żmien msemmi fl-ewwel inċiż.

Artikolu 9

Il-Kumitat msemmi fl-Artikolu 8 għandu jiltaqa' darba fis-sena biex jiddiskuti l-linji ġenerali presentati mir-rappreżentant tal-Kummissjoni għall-operazzjonijiet tas-sena segwenti.

Artikolu 10

Wara kull budget year, il-Kummissjoni għandha tagħti rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jinkludi sommarju

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 17 July 1998.

Għall-Kunsill

Il-President

W. RUTTENS DORFER

ta' l-operazzjonijiet finanzjarji ta' dik is-sena u li jevalwa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tul l-istess żmien.

Ir-rapport annwali għandu jagħti dettalji fuq l-aġenti tal-koperazzjoni deċentralizzata li magħhom ġew magħmula l-appalti.

Kull tlett xhur il-Kummissjoni għandha tinforma l-Istati Membri fuq l-operazzjonijiet approvati, billi tagħti dikjarazzjoni fuq il-flus li ntnefqu fuqhom, fuq in-natura ta' l-operazzjonijiet, fuq il-pajjiż benefiċjarju u l-partners. Ma' din l-informazzjoni għandu jkun hemm L-ANNESS 1 mehmuż li jispeċifika l-proġetti u l-programmi li jaqbu l-limitu ta' miljun ECU.

Artikolu 11

Il-Kummissjoni għandha tagħmel stimi regolari ta' l-operazzjonijiet finanzjarji mill-Komunità sabiex tistabbilixxi jekk l-għanijiet proġettati minn dawn l-operazzjonijiet intlaħqux u sabiex tagħti indikazzjonijiet fuq kif operazzjonijiet futuri jistgħu ikunu iżjed effettivi. Il-Kummissjoni għandha tagħti sommarju tal-valutazzjonijiet mwettqa minnha lill-Kumitat msemmi fl-Artikolu 8. Il-Kumitat jista' jeżamina dan is-sommarju fejn hemm bżonn. Dawn ir-rapporti ta' stima għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha.

Artikolu 12

Sa l-għeluq tas-sena 2000, il-Kummissjoni għandha tagħti, valutazzjoni komplessiva ta' l-operazzjonijiet finanzjarji li ġew finanzjati mill-Komunità taħt dan ir-Regolament flimkien ma' suġġerimenti fuq il-futur ta' dan ir-Regolament, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Artikolu 13

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jgħodd sal-31 ta' Diċembru 2001.